MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1490/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C.reg.No.C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata Maria Dolores Schembri (ID:316054M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Maria Dolores Schembri**

**vs**

**Paul Camilleri (ID:170861M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2004 fejn intqal:**
**Illi l-atturi qed jitolbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgha u erbghin Lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm649.73) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-18 ta' Dicembru, 2003, fi Triq tax-Xewk, Paola, bejn il-vettura bin-numru KAD 809**

**misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru MDS 999 misjuqa minn Anthony Schembri u propjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, Maria Dolores Schembri, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurata taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin Lira (Lm25.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurata tas-socjeta' attrici, Maria Dolores Schembri, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju, 2004, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mis-17 ta' Mejju, 2004, sal-gurnata l-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Awissu, 2004, fejn intqal illi l-konvenut jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-avviz tat-talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-inicdent in kwistjoni kien unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MSD-999, ossija Anthony Schembri, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 1067 Mario Spiteri, Anthony Schembri, Paul Camilleri u Terence Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fi Triq tax-Xewk, Paola, fit-18 ta' Dicembru 2003 bejn il-vettura MDS999 misjuqa minn Anthony Schembri u l-vettura KAD809 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Jigi rilevat illi il-post fejn sehh l-incident hija area kbira ta' parkegg illi ghandha tarf minnhom igongi ma triq ix-xewk u tarf l-iehor hija triq.**

**3. Jirrizulta illi fil-parkegg kien hemm karozzi pparkjati u skond l-attur, meta kien ser jdur minn bejn il-karozzi pparkjati, nizlet il-karozza tal-konvenut, u habtu.**

**4. Il-konvenut, da parti tieghu, jghid li kien niezel minn Triq ix-Xewk, meta f'daqqa wahda harget il-karozza ta' l-attur, u ghalkemm zamm brejk, saret il-habta.**

**5. Gie nnutat illi f'dak il-post, faccata ta' Carter's Supermarket, f'Rahal Gdid, il-karozzi jipparkjaw kif isibu biex jinqdew u ma hemm ebda kaxex impingija ma' l-art bhala "parking base". It-Tribunal ma jistax ma jirrilevax il-htiega illi f'post bhalma huwa dan, in-nuqqas ta' senjaletika ma l-art tikkontribwixxi mhux ftit ghal konfusjoni u hu essenzjali illi jkun hemm is-senjaletika ma l-art.**

**6. Ghandu jinghad illi, skond l-attur, dana indika fid-DOK AS1 il-manuvra li ghamlu iz-zewg sewwieqa. Huwa minnu illi l-attur kiser ghal fuq il-lemin fejn spiccaw il-karozzi pparkjati u f'dak il-waqt wasal il-konvenut li kien ha direzzjoni fuq ohra fil-parking space msemmi, u sehhet il-kollizjoni kif indikat fl-istess skizz.**

**7. Il-konvenut kien niezel fuq il-free meta hareg l-attur bejn il-karozzi pparkjati.**

**8. Iben il-konvenut, ra lill-attur qed jdur minn bejn il-karozzi u skond ix-xhud, dan ma kienx qed jhares fid-direzzjoni taghhom. Huwa ghalhekk qal lil missieru biex jieqaf u skond hu missieru waqaf, l-attur, dak il-hin hares lejhom, inhasad, ma bbrejkjax, u baqa' diehel fihom. Din il-versjoni ta' iben il-konvenut tikkontrasta ferm ma dak li qal l-istess konvenut "a tempo vergine" fir-rapport DOK A, meta stqarr li zamm il-brejk izda habtu xorta.**

**9. Tenut kont ta dak li ntqal jirrizulta illi iz-zewg sewwieqa kellhom l-obbligu li jsuqu bl-akbar diligenza tenut kont tas-sitwazjoni partikolari li fiha kienu qeghdin jimmanuvraw. Ghalkemm ghandu jinghad illi, kif sew issottometta l-abbli difensur tas-socjeta' attrici, meta hemm fetha simili, ghandhom japplikaw ir-regoli daqs li kieku ghandek roundabout, l-entita' tal-fetha hi kbira u karozzi jitilghu miz-zewg nahat.**

**10. Ghalhekk it-Tribunal qed jsib liz-zewg partijiet rersponsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh.**

**11. Bhala danni, dawna jirrizultaw mid-dokumenti ezibiti DOK GMI2 sa GMI5 u dana fl-ammont mitlub. Peress illi il-konvenut kien jahti biss fi grad ta' nofs ghall-incident li sehh jigi illi dana ghandu jhallas lill-atturi is-somma ta' tlett mija, erbgha u ghoxrin lira u sitta u tmenin centezmu (LM324.86).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenut responsabbli fi grad ugwali daqs l-attur ghall-incident li sehh, qed jikkundannah jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn, disgha u disghin lira u sitta u tmenin centezmu (LM299.86) u lill-attrici, is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira, lkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum sad-data tal-hlas effettiv, u dana salv u mpregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-risarciment tad-danni minnu subiti.**

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------